# Renzo Gauci

**Anna Gauci**


L-Artist mibki Renzo Gauci

Renzo Gauci twieled nhar id-29 ta' Marzu, 1959 ġewwa l-Isptar Re Ġorġ V fil-Floriana. Iben Vincent u Carmen Gauci née Saliba. Kien it-tieni wild tal-familja Gauci wara oħtu Antoinette. Ġie mgħammed fil-Knisja Parrokkjali ta' Marija Annuzjata ta' Ħal Tarxien.

Beda l-istudji tiegħu fl-iskola tas-Sorijiet tal-Karità ġewwa Ħal Tarxien stess. Kompla bl-istudji fil-Kulleġġ De La Salle fil-Birgu. Studja l-arti fl-iskola tal-Arti de la Salle fil-Belt Valletta. Kompla jistudja u jipprofondixxi l-arti tiegħu taħt id-direzzjoni tal-artist Willie Apap, id-disinn taħt John Pace u Antonio Buhaġiar. Fit-18 ta' Lulju 1985 iżżewweġ lil Anna, u minn dan iż-żwieġ kellhom tliet ulied.

Renzo minn dejjem kellu għal qalbu l-parroċċa ta' raħal twelidu Ħal Tarxien, u l-ewwel xogħlijiet tiegħu nsibuhom fil-knisja parrokkjali. Kien ukoll strumentali biex fl-età ta' 17-il sena ħadem kemm felaħ biex il-fratellanza tad-Duttrina fil-parroċċa tiegħu terġa' tibda tiffunzjona. Dan għamlu b' imħabba kbira biex ma jħalli xejn jintilef mill-patrimonju storiku ta' raħal twelidu.

Fost ix-xogħlijiet bikrin li ħadem fil-knisja nsibu xogħol ta' skultura fis-saqaf tal-istess knisja, fejn kompla x-xogħol li kien hemm mibdi u qatt ma tkompla. Kien skultura wkoll in-niċċa tal-Madonna tad-Duttrina, u ddekora n-niċċa tal-vara titulari ta' Marija Annunzjata. Fil-knisja ħadem ħafna xogħol ta' restawr fuq vari bħal tal-Immakulata Kunċizzjoni u d-Duluri. Aktar riċenti kien ħadem fuq ir-restawr totali tal-vara titulari ta' Marija Annunzjata u dan l-aħħar ħadem xogħol ta' skultura fuq il-kapitelli tal-kampnari meta sar



*Renzo Gauci waqt xogħol fit-tafal għall-wiċċ San Ġorġ Preca*

ir-restawr tal-knisja minn barra.

Renzo ħadem ħafna xogħol li jinsab imxerred madwar Malta u Għawdex u saħansitra 'l barra minn xtutna fejn hemm l-emigranti Maltin. Fost l-ewwel xogħol li ħadem għall-festi Esterni nsibu l-Anġlu Gabriel għal Ħal Tarxien u wara statwa tal-Lunzjata, San Luqa. Dan ix-xogħol ingħoġob ħafna u l-fama tiegħu bdiet tiġri fost id-dilettanti tal-Festi. L-ewwel raħal li afda lil Renzo bi proġett kbir kien ir-raħal ta' Santa Venera, fejn Renzo kien ikkummissjonat biex jaħdem sett ta' 20 anġlu għal Triq il-Kbira San Ġużepp. Sa mill-bidu dan ix-xogħol Renzo ħadmu minn qalbu u dan kien ta' vetrina għal xogħlu. Ma damux ma ordnawlu sett simili l-parroċċa ta' San Pietru ta' Birżebbuġa, u tal-Madonna tal-Grazzja ta' Ħaż-Żabbar. Iżda s-sett ta' statwi ta' Santa Venera, li b' kollox jgħodd 26 statwa fl-istess triq baqgħu l-akbar sett ta' artist wieħed li jintramaw fl-istess triq fil-festi kollha Maltin. Wara dan is-suċċess kienu ħafna dawk il-festi li ordnaw xogħol għall-armar tal-festa tagħhom għand Renzo. Man-numru kbir ħafna ta' statwi li ħadem insbu wkoll disinnji ta' pavaljuni, bandalori, pittura u xogħol ta' skultura fuq trofej, pilandri u pedestalli li kollha jżejnu b' mod xieraq it-toroq tagħna mingħajr eseġerazzjonijiet żejda li xi kultant itellfu mill-artistrija tal-armar.



*Bnadar 'mezza-lasta' fuq il-bejt tal-maħżen, b'turija ta' rispett*

Renzo kien jieħu ħsieb li dak li joħroġ minn taħt idejh ikun korett artistikament. Hekk naraw fix-xogħol fuq il-planċier għal Ħal Tarxien u ieħor għal-festa ta' San Ġorġ f'Għawdex, fejn ħadem ukoll sett trofej. Nistgħu ngħidu li kważi fil-festi kollha ta' pajjiżna ser issib biċċa xogħol ta' Renzo.

Minn dan iż-żmien

Renzo qatt ma ħares lura u l-karriera tiegħu żvolġiet fi proġetti differenti li dejjem kellhom l-arti espressa bl-aktar mod korrett. Renzo kien jistudja ħafna meta jiġi biex ifassal proġett. Kien jistudja l-istorja, jara sewwa l-post fejn ikun ser jaħdem, jisma' bir-reqqa x-xewqa tal-klijent u bil-persważjoni umli tiegħu jikkonvinċi lil kulħadd biex ix-xogħol ikun korrett u kif jixraq. Dejjem ra li jkun konformi mat-tagħlim tal-Knisja meta ħadem fuq xogħol sagru u li jirrispetta r-regolamenti neċessarji biex ix-xoghol ikun aċċettat akkademikament.

Renzo kien metikolużż ħafna fix-xogħol tiegħu, u dan wasslu biex kien fdat fuq proġetti li barra li jinstabu ġo postijiet prestiġġjużi, fejn tidħol korretezza akkademika dawn ix-xogħlijiet iħabbtuha ma' xogħol tal-aqwa artisiti kemm barranin kif ukoll Maltin. Hekk naraw is-soppraporta tal-fidda tal-kwadru titulari fil-Knisja Katidrali ta' Għawdex, il-lampier tal-fidda fil-knisja parrokkjali ta' Santa Marija tal-Imġarr, Malta. Ħadem ukoll ħafna xogħol biex sar il-pedestall ta' San Sebastjan ta' Ħal Qormi u pedestall għall-vara ta' San Ġużepp fix-Xagħra, Għawdex. Renzo rrestawra s-sett tal-vari tal-passjoni tal-Għargħur u biddel dawk li kellhom bżonn jinbidlu. L-istess għamel fir-raħal ta' Ħal Luqa fejn irrestawra l-vari u biddel xi oħrajn. Fost dawn tispikka l-vara tal-Veronika li hija meqjusa bħala waħda mill-aqwa xogħlijiet tiegħu.



*Membri tal-Kumitat Festi Esterni Santa Venera, tul il-korteo*

Huwa kien fdat ukoll bir-restawr tal-vara titulari tal-Qalb bla Tebgħa ta' Marija fil-parroċċa ta' Burmarrad. Għamel xogħol ta' restawr ukoll fuq il-vara titulari ta' San Pawl tar-Rabat, Malta. Ħadem ħafna xogħol fuq vari oħrajn fil-knejjes tagħna, hu kien ikkumissjonat biex jaħdem ukoll diversi vari li sabu ruħhom fil-knejjes tagħna. Fost dawn insibu l-vara devota ta' Ġesù Redentur fil-knisja parrokkjali ta' Santa Venera u ieħor simili fil-knisja tas-Sacro Cuor f'Tas-Sliema.

Għall-knisja tal-Għasri f'Għawdex ħadem statwa ta' San Pawl kif ukoll ta' Kristu Mejjet li kien uża lil ibnu Ismael biex ippużalu għall-anatomija. Ħadem ukoll statwa ta' Ġesù Redentur bil-wieqfa. F'kappella privata fir-

Rabat, Għawdex insibu wkoll Redentur mill-isbaħ li kien skolpih fl-injam u li wkoll huwa meqjus bħala biċċa xogħol mill-aqwa tiegħu.

Ix-xogħol ta' Renzo jibqa' għal dejjem xogħol apprezzat artistikament. Hu ħadem ħafna xogħol fil-knejjes tagħna u għall-festi tagħna. Imma Renzo kellu wkoll xogħol akkademiku li ħadmu għall-kollezzjonijiet privati jew għall-amur porpju tal-arti li kellu.

Lejn l-aħħar tal-karriera tiegħu huwa kompla sal-aħħar mumenti jaħdem, minkejja li kemm fiżikament u mentalment kien għaddej minn tbatija kbira. Fost l-aħħar xogħol li ħadem insibu d-disinnji tat-trofej għall-Festa ta' Santa Venera li ħażżiżhom fuq is-sodda tal-isptar. Ħadem ukoll disinnji biex ikompli jżejjen l-artal maġġur tal-knisja tant għal qalbu ta' Marija Annunzjata ta' Ħal Tarxien.

Renzo ħalla dan il-wied ta' dmugħ nhar it-30 t' Awwissu, 2018. Il-funeral tiegħu sar fil-Knisja Parrokkjali ta' Marija Annuzjata ta' Ħal Tarxien nhar it-3 ta' Settembru u kien akkumpanjat mill-Banda Marija Annuzjata ta' Ħal Tarxien fejn indifen fiċ-ċimiterju tal-istess parroċċa.

